

II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida tal-UE għal Prattiki Tajba ta' Iġjene fil-produzzjoni ta' ġobon u prodotti tal-ħalib artiġjanali

(2017/C 440/01)

Skont l-eżitu tal-valutazzjoni mwettqa, il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF) qabel fuq il-pubblikazzjoni tat-titlu u r-referenzi ta' din il-gwida tal-Komunità għal prattiċi tajba, skont l-Artiklu 9 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (¹).

Titlu: Gwida Ewropea għall-Prattiki ta' Iġjene Tajba fil-produzzjoni ta' ġobon u prodotti tal-ħalib artiġjanali

Awtur: Farmhouse and Artisan Cheese & Dairy Producers European Network (FACEnetwork) — Netwerk ewropew tar-rahħħala u produtturi tal-ġobon u prodotti tal-ħalib artiġjanali

Referenza: Verżjoni riveduta fl-20 ta' Diċembru, 2016.

https://ec.europa.eu/food/safety/biosafety/food_hygiene/guidance_en

(¹) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8685 — Foncière des Régions/Marriott International/Le Méridien Hotel in Nice)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 440/02)

Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fiċċi. Dan it-test jinstab:

- fit-taqṣima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8685. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.